MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 348/2010

Kawza fil-lista: 16

**Y U nee' P**
**vs**
**O U**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fit-tmienja u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa mija u tmienja u tmenin. (28/05/1988) ; illi minn dan iz-zwieg kellhom hames t'itfal izda li minnhom tnejn biss ghadhom hajjin u l-ohrajn illum maggorenni ; illi l-kunsens tal-intimat kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew, b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-

zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta ; illi minhabba r-ragunijiet premessi u mhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwiegijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant, l-attrici qed titlob lil din l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Mejju 1988 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Art. 19 (1) (d) u (f) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv .
Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat li l-intimat irrimetta ruhu ghat-talba attrici ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet il-partijiet jiddeponu.

Ikkunsidrat :

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Mejju 1988 meta kienu ilhom jafu lil xulxin sena u nofs; l-attrici kellha dsatax (19)-il sena u l-konvenut kellu wiehed u ghoxrin (21) sena; kellhom hames t'itfal : tewmin li twieldu ghaxar (10) xhur wara z-zwieg ; tarbija ohra wara sentejn u nofs; u ohra wara disa' xhur u iehor wara ghaxar snin. Tlieta minnhom (wahda mit-tewmin u t-tielet tarbija)

mietu ta' ftit xhur waqt li l-ahhar wiehed kellu sena u tlett xhur.

Tul iz-zwieg l-attrici kienu jghidulha li zewgha qieghed ma' nisa ohra u minhabba f'hekk kien jinqala' hafna glied li wassal ghas-separazzjoni wara dsatatax-il (19) sena.

*Verzjoni attrici*
L-attrici tiddeskrivi l-konvenut bhala '*introvert'.* Tghid li kemm waqt l-gherusija, u kemm waqt iz-zwieg kommunikazzjoni kienet fjakka. B'hekk ma kienet taf xejn fuqu u fuq il-familjari tieghu.

Waqt l-gherusija kienet tircievi telefonati anonimi li kienu jghidulha 'dak il-guvni ma jghoddx ghalik' izda billi, skont hi, hu kien '*ragel sabih',* dawn interpretathom bhal gejjien minghand nies li riedu jgelduhom u ghalhekk ma tatx kashom.

Tghid li 'ir-ragel tieghi minn dejjem kien ihawwad ma' nisa ohra, sa minn zmien l-gherusija' (folio 16), u fil-fatt tiddeskrivih bhala '*sex maniac'*. Tirrakonta incidenti meta ratu iffissat lejn in-nisa u meta kienet tircievi telefonati anonimi u kienet tkun avvicinata min-nies ohra, u kienu jghidulha li kien ikun ma' nisa ohra. Dan kien anke fil-bidu taz-zwieg. Dan kien jaqla' hafna glied bejniethom.

Meta kienu gharajjes il-konvenut 'kien mohhu fid-dar matrimonjali' u kien dejjem jghidlha li ried jizzewweg biex ikollu t-tfal ; fil-fatt meta ipproponhielha z-zwieg, li kienet accettat ghax kellha genn biex tizzewweg u tieqaf tahdem u riedet il-liberta' minn tad-dar.

Tilmenta li fil-hajja konjugali l-konvenut kien idum ix-xoghol u kien biered ; kien izomm tromba fil-van, kien jimmasturba u minhabba dan kollu kien jaqla' hafna glied - 'kien jiggieled mieghi, jghajjarni u jitfa' il-htija fuqi' (folio15) ; sesswalment 'kienet tkun esperjenza ta' dwejjaq kbar ghalija minhabba c-cirkostanzi kollha taz-zwieg'.

*Verzjoni konvenut*

Skont il-konvenut l-gherusija kienet normali ghall-ahhar – kien mmur ix-xoghol u wara jiltaqa mal-attrici ghand ommha fejn kien iddum sa tard filghaxija.

Jghid li zzewweg ghax kien ihobbha u tul il-konvivenza 'l-hajja konjugali baqghet ghaddejja, kienet normali ghall-ahhar.'  Il-problemi kienu jinqalghu ghax l-attrici kient 'possessiva, kollox li tghid hi u li tghid ommha. Jien kont qieghed id-dar sempliciment biex ingib il-flus….jekk tigi festa u noqghod id-dar bil-qrid ghax il-mara hammget il-kcina' (folio 101/102) kien mohha biss fil-flus. Jilmenta li hi kienet tkun bierda fis-sess u jallega li l-attrici kellha zewg relazzjonijiet ma' haddiehor ; dan kien skoprieh permezz ta' telefonata u ghax darba sab baskett frott wara l-bieb. Jammetti li anke hu kellu relazzjoni pero' dan kien meta it-tifla kellha 7 snin u wara.

Jinnega sostanzjalment ix-xhieda tal-attrici – li qatt ma ra ittra jew sema' xi telefonata anonima u l-istejjer kollha li ntqalu fuqu minn martu u ommha ma kienux veru. Jispjega li waqt iz-zwieg u, minn dejjem, mill-bidu nett ma kienx hemm nisa ohra , u lanqas waqt it-tqala ; u r-relazzjonijiet li kellu kienu wara snin, u dan  meta t-tifla kienet ser taghmel il-precett u l-incident tat-tromba kien l-ahhar hames (5) snin qabel is-separazzjoni.

Dwar it-trobbijja tieghu jghid li l-attrici ghalkemm innegat, kienet taf bl-agir ta' ommhu u f'liema ambjent trabba'.

Jammetti mbaghad li waqt il-proceduri kien baghat sms lill-attrici jghidlha li ser jaghmel minn kollox biex dan l-annulament ma tiehdux.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u fil-fehma taghha t-talba attrici ma treggix stante li dak allegat ma giex sodisfacentement provat.

Illi qabel ma zzewwgu l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin cirka sena u nofs u miz-zwieg taghhom kellhom hamest itfal spazjati : l-ewwel f'temp ta' erba' (4) snin kellhom

erba' (4) t'itfal u mbaghad wara erbatax-il (14) sena kellhom iehor.

Illi huwa minnu li l-hajja konjugali bejn il-partijiet kellha zminijiet difficli fid-dawl tal-fatt li f'erba' snin huma soffrew it-telf ta' zewg ulied ta' ftit xhur; izda nonostante dan, iz-zwieg dam dsatax-il (19) sena.

Illi ghalkemm l-attrici tallega li l-konvenut kien marid ghax ma jistax jara mara, u dan sa minn qabel iz-zwieg, dawn l-allegazzjonijiet ma gewx sodisfacentement sostanzjati u huma bazati biss fuq telefonati anonimi u fuq dak li marru jghidu n-nies lill-attrici u lil ommha. Inoltre ghalkemm huwa minnu li l-konvenut dahal f'relazzjoni extra-matrimonjali, dan kien wara sittax-il (16) sena fil-konvivenza matrimonjali; u ghalhekk din ir-relazzjoni ma tinvalidax il-kunsens matrimonjali li kien inghata sittax-il (16) sena qabel.

Ferm il-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-*capita nullitatis* kontemplati fil-paragrafi (d) u (f) tal-Kapitolu precitat ma jirrizultawx sodisfacentement provati ; u ghalhekk it-talba ma timmeritax li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba tal-attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------